

# L-Oriġini tal-Każini



Kitba ta' Louis Fenech

Il-festa ta' San Publiju tal-Furjana tiftaħ l-istaġun tal-festi. U fl-aħħar ta' Diċembru l-Kunċizzjoni tagħlaq il-festi li jkollna fl-ibliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex. Festi kollha briju b'rispett lejn il-qaddis jew il-qaddisa tal-belt u r-raħal tagħhom. F'dawn il-jiem naraw tiżjin tul it-toroq tal-irħula u l-ibliet bl-isbaħ trofej u festuni li jiswew eluf ta' ewro. Mijiet ta' żgħażagħ dilettanti li jkunu impenjati tul is-sena jippreparaw dak kollu neċessarju li jagħmel festa denja lill-qaddis jew qaddisa patruna tal-lokal.

Barra dan kollu ma jonqsux ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi f'ġieħ il-qaddis/a li jsiru fil-knejjes sbieħ, armati għall-okkażżjoni, b'damask u fided mill-aqwa li jkunu esebiti biss fil-festa titulari tal-lokal. Din tkun okkażjoni unika, li n-nies tal-lokal ikunu jippreparaw u jistennew sa minn ftit jiem wara l-festa tas-sena ta' qabel. Din hija l-ħajja tagħna l-Maltin u l-Għawdxin. U biex jakkumpanjaw dawn il-festi ma tonqosx manifestazzjoni piroteknika kemm tal-ajru kif ukoll tal-art. Iżda wieħed ma jistax iħalli barra l-banda. Il-marċi tant brijużi li minn xi jiem qabel il-festa jallegraw it-toroq tal-lokal. U dan kollu jagħmel il-Festa Maltija.

Mela wieħed ma jistax isemmi l-festi u jħalli barra l-baned. U meta nsemmu l-baned ma nistgħux ma nsemmux il-każini. Sa mill-bidu tat-twaqqif tagħhom dawn il-każini kienu assoċjati mal-festi. Il-każini fl-irħula, kollha jagħtu sehemhom fil-festa tar-raħal. Infatti, insibu li għandhom kumitati apposta li jieħdu ħsieb l-armar, speċjalment tad-dawra tagħhom. U tarahom li dejjem okkupati jsewwu u jiżbgħu t-trofej fejn ikun hemm bżonn kif ukoll jaraw x'ser iħejju ġdid għas-sena ta' wara. U dan li ser nagħmel; li nagħti ħjiel kif seta' sar dan.

Mela ejja naraw l-ewwel nett il-każini li kien hawn fir-raħal tagħna. Wieħed irid jgħid li dawn il-każini kienu mwaqqfin sa mill-bidu tas-seklu XIX, u skont il-liġi ma kien hemm xejn li jirregolawhom, u jkunu reġisrati mal-pulizija kif inhuma llum. Dan kien ta' tfixkil lill-ħwienet tal-merċa u tax-

xorb - li kienu rreġistrati - għaliex il-bejgħ minnhom ma kienx ikkontrollat u ta' telf ta' dħul lil dawn. Għalhekk fl-1920 bdew isiru arranġamenti biex din l-anomalija titneħħa u l-każini jidħlu taħt forma ta' regolamentazzjoni ċivili. Għalhekk fl-1 ta' Marzu bdew iseħħu regolamenti fejn kull każin miftuħ għandu jiġi rreġistrat taħt il-Liġi LGO 5413 tal-1920. Il-liġi kienet tgħid – u hekk għadha – li jridu jipprovdu l-isem tal-każin, l-indirizz, xi kwalità ta' membri jpoġġu fihom u jekk jiġix servut xorb alkoħoliku jew le. Minn din il-liġi ħareġ li hawn Malta f'dawk iż-żminijiet kien hawn 142 każin.

U hawn f'Casal Lia kien hawn ħames każini, li kienu:

| *Isem* | *Indirizz* | *President* | *Min ipoġġ fihom* | *Xorb Alkoħoliku* |
|---|---|---|---|---|
| San Andrea | 32, Stra San Andrea | Luigi Portelli | Labourers, Raħħala, Artiġjani | Le |
| Liense | 11& 12 Strada Dietro La Chiesa | Giovanni Grech | " " | Le |
| San Salvatore | 19 & 20 Strada Fiorini | Paola Sammut | | Le |
| San Michele | 15 Strada Merino | Michele Borg | | Le |
| Pio X | 44 Strada Reale | Luigi Engerer | | IVA |

Skont studju li kien għamel Paul Cassar, dawn il-każini jafu l-bidu tagħhom lejn il-bidu tas-seklu XIX meta twaqqaf il-*Cabinetto di lettura*. Wieħed irid iqis li l-Malti f'dawk iż-żminijiet kien għadu ma kienx edukat. Il-ħsieb tat-twaqqif ta' dawn il-kmamar tal-qari kien li jippromovi l-kultura ta' qari, drama u mużika, u jressaq 'il-Maltin u 'l-Ingliżi ta' dawk iż-żminijiet bikrija tal-ħakma Ingliża qrib xulxin. Dawn il-postijiet ta' qari l-ewwel ma nfetħu kien fil-Belt Valletta, u skont Paul Cassar, il-post tagħhom kien inbidel kemm-il darba. Fihom kienu jinġiebu ġurnali u rivisti barranin għax mhux kulħadd kien komdu, jew ma kienx hawn dik il-kultura li wieħed jixtri l-gazzetti. Iżda dawn ukoll kienu postijiet fejn wieħed kien imur, jiltaqa' ma' xi ħbieb wara x-xogħol, jew fi ġranet ta' festa, jgħid erba' kelmiet u jieħu xi grokk. U forsi din kienet tkun il-ħarġa tagħhom.

Iżda ħjiel ta' meta twaqqfu l-każini ftit li xejn nafu. U għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li dawn il-*cabinetti di lettura* huma l-bidu ta' dawn il-każini. Wieħed ukoll ma jridx jinsa li f'dawn iż-żminijiet kien hawn ħafna Taljani li ġew hawn Malta biex jaħarbu l-inkwiet u l-oppressjoni li kien hemm fl-Italja minħabba l-ġlied li kien hemm fl-Unifikazzjoni ta' dak il-pajjiż: Taljani ta' ċerta klassi u kultura. Minn dawn it-Taljani ħadna ħafna minn dawk il-kulturi li aħna l-Maltin konna għadna neqsin. Għalhekk wieħed jista' jobsor li kulturalment minn fejn ġew dawn it-Taljani kienu midħla sewwa ta' dawn il-

organizzazzjonijiet. Naturalment jista' jagħti l-każ li influenzawna fit-tagħlim ta' strumenti mużikali li eventwalment iffurmaw il-każini tal-baned. Irridu niftakru li l-mużika hija f'demm it-Taljani. U dan jixhduh in-numru sabiħ ta' kompożituri ta' opri klassiċi li f'dawk iż-żminijiet kienu wkoll popolari ħafna mal-Maltin. Għalhekk kienet ħaġa konvenjenti li wieħed jgħid li dawn it-Taljani kienu strumentali fit-taħriġ u li inkuraġġixxew xi forma ta' banda u li anke huma kienu jiffurmaw parti minnha biex jagħmlu kuraġġ.

Iżda tajjeb li wieħed ikun jaf, u hemm indikat, li ċertu tip ta' daqq kien jakkumpanja l-purċissjonijiet u okkażjonijiet oħra b'kitarri, vjolini u vjolinċell. Aħna għandna fuq xiex induru bħala dak li ta bidu għal dan id-daqq. Kulħadd sema bil-banda ta' Indrì. Dan kien il-bniedem li laqqa' l-ewwel speċi ta' banda ta' xi erba' jew ħames strumenti li kienu jduru l-irħula u jallegraw f'xi okkażjonijiet. Iżda dan Indrì kien strumentali li l-ewwel baned li waqqaf kienu ta' Ħaż-Żebbuġ u l-oħra fir-Rabat. Nieqaf hemm għaliex ma rridx nidħol fil-polemika ta' liema kienet l-ewwel banda. Dak inħallih għal min hu kkonċernat.

Iżda minn dawk iż-żminijiet sal-lum insibu li f'kull belt jew raħal hemm il-każin tal-banda. Jista' jkun ukoll li f'xi wħud minnhom għandhom tnejn u anke tliet każini tal-baned. Dan ħafna drabi rriżulta f'nuqqas ta' ftehim minħabba ħaġa jew oħra tad-diriġenti tagħhom, għalkemm hawn jibqa' l-fatt li il-każini kollha, l-għan ewlieni tagħhom hija l-festa titulari tal-lokal. Iżda fejn hemm żewġ baned, ħafna drabi dan ifisser li hemm it-tieni festa – tissejjaħ festa sekondarja.

Mela wieħed jista' jassumi, jista' jkun anke mhux hekk, li mit-twaqqif tal-*Cabinetto di Lettura* twieldu dawn il-każini, li min jaf kemm kienu, u għadhom, ta' użu kulturali tajjeb, l-ewwel biex għallmu ħafna nies il-mużika u kif idoqqu l-istrument mużikali, iżda kienu wkoll minn ta' quddiem biex ikabbru l-festa tal-belt jew raħal fejn jinsabu.

**Steve's** Aluminium works



Workshop: 10 N/s in Triq il-Parsott, Mosta
Tel: 21438 442

Res. Tel: 21 435 437 • Mob: 99 424 319